MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2008

Numru 16/2008

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Cassar)

vs

Matthew Luke Demicoli u Carlo Muscat

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati Matthew Luke Demicoli detentur tal-karta ta’ identita’ numru 328585(M) u Carlo Muscat detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 106292M talli:

Minn Triq il-Katakombi, u fi bnadi ohra f’Marsaskala, fil-lejl ta’ bejn il-Gimgha 4 u s-Sibt 5 ta’ Jannar, 2008:

1. bil-hsieb li jaghmlu delitt, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi

kkommettew tentattiv ta’ serq ta’ zewg vetturi u cioè karozza tal-ghamla *Seat Marbella* bin-numru tar-registrazzjoni BAR-156 ghad-dannu ta’ Joseph Galea minn Marsaskala, kif ukoll ta’ karozza tal-ghamla *Renault* bin-numru tar-registrazzjoni IAN-426 ghad-dannu ta’ Ian Cassar minn Marsaskala wkoll, li kienu pparkjati fl-imsemmija triq, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin, bil-hin, kif ukoll bix-xorta tal-haga misruqa, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom;

2. u aktar akkuzati talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamlu hsara fl-imsemmija vetturi, ghad-dannu tas-sidien taghhom, liema ammont ta’ hsara huwa izjed minn hames mitt lira;

u aktar takkuza lil Matthew Luke Demicoli biss talli:

3. fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, zamm u garr fuqu strument li jaqta’ u bil-ponta (flicknife), minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.

u aktar takkuza lil Carlo Muscat biss talli:

4. fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, kkommetta serq ta’ car stereo tal-marka *Clarion* mill-vettura tal-marka *Renault 5* bin-numru tar-registrazzjoni IAN-426 ghad-dannu tal-imsemmi Ian Cassar minn Marsaskala, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitt lira, bil-hin, kif ukoll bix-xorta tal-haga misruqa.

5. u aktar akkuzat talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, xjentament laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentament b’kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;

6. u aktar akkuzat talli kiser il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta moghtija lilu mill-Qorti tal-Minorenni, b’liema sentenza kien gie misjub hati

ta’ reat u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin.

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammisjoni baqaw jinsistu anka wara li l-Qorti tathom zmien jikkonsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkunsidrat.

Stante l-ammisjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputati tiddeciedi wara li rat l-Artikolu 41(a), 261(b) (e) (g) (f), 264, 267, 270, 271 (g), 278 (2) (3), 279 (a), 280, 325 (1) (b) tal-Kap 9 fil-konfront taz-zewg imputati u l-Artikolu 37 tal-Kap 9 u Artikolu 28 tal-Kap 446 kif hawn jinghad:

- in kwantu ghal akkuzat Matthew Luke Demicoli disa’ xhur prigunerija sospiza ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9;

- in kwantu ghal akkuzat Carlo Muscat tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal tlett snin mil-lum.

Tordna l-akkuzati li jirrisarixxu kwantu €736 lil Joseph Galea u kwantu ghal €315 lil Ian Cassar zmien sitt xhur mil-lum, nofs kull wiehed okkorrendo bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kap 9.

Tordna l-konfiska tal-mus esebit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------